**Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-005285/2014**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 117 tar-Regoli ta’ Proċedura
**Claudette Abela Baldacchino (S&D)**

Suġġett: Il-miri tal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku domestiku

It-*Times of Malta* fis-17 ta' April 2014 irrappurtat li "Malta hi waħda mill-10 pajjiżi fiż-Żona Ekonomika Ewropea li naqset milli tilħaq mira tal-UE dwar il-ġbir ta' skart ta’ tagħmir elettriku u elettroniku. Id-Direttiva tal-UE tistabbilixxi mira ta' ġbir ta' mill-inqas 4 kg ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku mid-djar għal kull abitant li kellha tintlaħaq mill-pajjiżi kollha sa mhux aktar tard mill-2009. L-Eurostat din il-ġimgħa rrappurtat li, b'kollox, 10 pajjiżi naqsu milli jilħqu l-mira ta' ġbir ta' 4 kg għal kull abitant (il-Greċja, Spanja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja), li minnhom tliet pajjiżi (il-Greċja, is-Slovakkja, l-Ungerija) kienu ferm viċin li jilħqu l-mira (b'3.9 kg għal kull abitant)". X'inhuma l-fehmiet tal-Kummissjoni dwar dan ir-rapport?